## IS-SULTAN LA VALETTE

### Lill-Belt Valletta

Belt ta' qalbi, binti ħelwa,
Jien minn qabri qomt narak;
Tagħarfux il-missier tiegħek
Li rabbiek u l-barka tak?

Għaliex ġebla fik ma nara
Illi xxebbaħ il-wiċċ tiegħi?
Fi kburitek għax insejtni?
X'kont tkun int li ma kienx driegħi?

Jien għalik (u tafu d-dinja)
Jiena kont l-akbar Sultan,
Jien għallejtek fuq bliet oħra.
Jien libbistek il-ħitan.

Min qatt kisrek minn x'ħin jiena
Lilek bnejt u qgħadt ġo fik?
Ħalli jgħidu wlied l-Imħammed
Li mitt darba ġew għalik.

Huma ġew u fuqek n'żlu
Minn xi xtajta bgħida mwarrba,
Ma xħin rkedu għalik jaħbtu
Ħadu l-mewt u ġrew għall-ħarba.

Is-sejf tiegħi ma kienx qiegħed
Fit-taqbida mal-kefrin,
Għad li xagħri kien tajjara
Kont quddiem il-quddemin.

Ta' San Ġwann it-tajfa kollha
Kienet miegħi ċċarċar demmha,
U fil-qatta l-ulied tiegħek
Bis-sjuf f'idhom jien rajt hemma.

U, Alla jbierek! liema ħila
Il-Maltin nisa ma wrew?......
Sa bit-trabi fuq dirgħajhom
Għat-taqbida magħna ġew!

Das-salib, l-imħabba tiegħek,
Kienu l-qawwa ta' dirgħajja,
U l-egħdewwa minn quddiemi
Jien ġerrejthom qtajja qtajja.

Dawk il-kiefra kienu jifhmu
Li jeħduk minn ġewwa jdejja
Xi ħadd iżda bis-sejf f'idu
(Ma jidhirx) kien jinsab ħdejja.

Kien San Pawl li lilek għammed
U fetaħlek dak il-ktieb
Li bih wemmnek kif Bin Alla
Biex jirbaħna fl-art inġieb.

U min sata' qatt jagħelbek
Jekk San Pawl ġo nofsna kien?
Hu għalik mis-sema qabeż,
U mill-art qbiżt għalik jien.

Aħna rbaħna u n-Nofs Qamar
Beka d-demm u mar jistrieħ,
Jien bqajt fik ferħan u hieni
Bħal Sultan u bħal rebbieħ.

Lilek bgħid ridt inżomm dejjem
Minn kull deni, minn kull hemm,
Ridt inżommok bħala Knisja,
Ma ridtx fik inxerred demm.

Ma n-Nofs Qamar ried ijassrek
U l-Quran ġo fik iġib,
X'kelli nagħmel jien missierek
Ħlief bid-demm inġagħlu jgħib?

Għalkemm ħdimt għalik, ja Binti;
Għal kemm kienet ħelwa l-ħkima,
Jien jidhirli li ma għandha
Tonqos fik għalija l-qima.

F'bosta wħud, ja Binti, tfakkar
Madwar swarek lill-barrani,
Ma 'k irid jara l-wiċċ tiegħi,
Fejn tibagħtu biex jarani?

Tajtek ġidi, tajtek għarqi,
Tajtek demmi, u kullma fija,
Biss nitlobok għal dan kollu
Tal-wiċċ tiegħi xi turija.